**Il-Ħames laqgha tas-Sotto Kumitat ta' l-Organizzazzjoni ta' Attivitajiet fin-Nadur**

**Nhar il-Ħamis 25 ta' Settembru 2012 fis-7:30 p.m**

**Preżenti:**

Charles Said, Sindku
Josianne Cutajar, Kunsillier
Maria Natoli, Kunsillier
Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv
Joe Zerafa
Peter Paul Buttigieg
Ines Buttigieg
Grace Portelli
James Buttigieg
Raymond Vella
Antonia Portelli
Frankie Meilak
Anton Said
Andrew Muscat
Kenneth Portelli

---

**1.** Il-laqgħa bdiet bit-talba u tmexxiet mis-Sindku.

**2.** **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tar-raba laqgħa ġew approvati w iffirmati.

**3.** **Wine Festival 2012.** L-ewwel jumejn tal-Wine Festival kienu suċċess kbir izda l-aħħar ġurnata tħassret minħabba l-maltempata kbira li saret ezatt kif kienet ser tibda l-attivita'. Kien hemm minn issuġġerixxa li d-data tal-wine festival tinbiddel u tiġi aktar kmieni sabiex kemm jista jkun nevitaw il-maltemp. Izda m'hemm l-ebda garanzija li ma jkunx hemm maltemp f'Awissu. Peter Buttigieg qal li huwa mportanti li jiġu stabbiliti id-dati tal-Wine Festival 2012 sabiex jitpoġġew fuq il-website. Din is-sena lis-stalls ta' l-ikel kienu kollha tajbin. Il-Kunsill ser jagħti parti mill-ħlas lura lill-istalls peress li l-Ħadd ma setghux jarmaw. It-trasport ma kienx daqsekk tajjeb għaliex kien hemm minn ried li jkun hemm trasport il-ħin kollu lejn l-Imgarr u lura minflokk is-servizz ta' l-Arriva. Is-sena d-dieħla għandu jiġi kkunsiderat li jkun hemm servizz privat kif ukoll ta'l-Arriva. Kien hemm suġġeriment li s-Sibt il-ħin tal-wine festival ikun aktar tard. Għandu jibda aktar tard biex iddum izjed. Dan irrid jiġi diskuss mad-Delicata.

**4.** **Car Free Day.** Is-Sindku rringrazzja lil-għaqdiet li ħadu sehem għall-parteċipazzjoni tagħhom. Il-flyer li tqassmet ma kolliex il-ħinijiet tal-attivitajiet u

għalhekk kien hemm nies li ma kienux jafu x'hin ser issiru l-attivitajiet. Ġie ssuġġerut li fix-xhur tas-sajf nhar ta' Gimgħa u Sibt Triq Dicembru 13 u l-Pjazza jinqalu għat-traffiku wara s-7 ta' filgħaxija sabiex ikun hemm postijiet ta' rikreazzjoni għall-familja kollha.

5. **Jum il-Kunsill.** In-nominazzjonijiet għal-Premju Ġieh in-Nadur qed jiġu milgħuha fil-Kunsill sa nhar l-Erbgħa 10 ta' Ottubru. Din is-sena is-serata ta' l-Għoti tal-Premju ser terġa ssir waqt il-kunċert ta' San Korunatu fit-Teatru MBC. Dan ser issir nhar is-Sibt 10 ta' Novembru. James Buttigieg informa lis-sotto kumitat li l-compere ser ikun Mark Azzopardi u l-programm ser ikun ta' siegħa muzika u madwar 20 minuti prezentazzjonijiet. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb l-inviti u l-bibita ta' wara.
**Ezibizzjoni.** Ser issir ezibizzjoni ta' Arti Sagra fis-Sala Joe Tabone bejn id-9 u 25 ta' Novembru. Għal din l-esibizzjoni ser jinġabu l-vetrini ta' Heritage Malta.

**Kuncert.** Ser issir kuncert ta' muzika baroque u klassiċa fil-Knisja tal-Qalb ta' Gesu nhar il-Gimgħa 16 ta' Novembru mill-Fortissimo Brass Band. Għal dan il-kunċert għandhom jintbagħtu inviti lir-residenti barranin.

**Blood Donation Drive.** Gie deċiz li jerġa jsir il-blood donation drive. Dan ġie pjanat għal Ħadd 18 ta' Novembru. Peress li ser ikun hemm wirja fis-Sala il-Kunsill għandu jitlob permess lill-parroċċa biex dan issir f' "Dar it-Tagħlim" fi Triq Diċembru 13.

**Joe Tabone Memorial Football Tournament.** Għandu jiġi organizzat football tournament tan-Nursery fil-Ground Peter Paul Camilleri.

**Intervista.** Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir xi ħaġa ġdida din is-sena fl-okkazzjoni ta' Jum il-Kunsill. Hu suġġerixxa li ssir intervista ta' persuna mir-raħal u dan issir f'xi ħanut. Kien hemm qbil dwar dan u ġie ssuġġerut li l-intervista tiġi rikordjata biex wara dan jiġi stampat fil-pubblikazzjoni tal-Kunsill.

**Fun Walk.** Il-Kunsill ġie avviċinat mill-Gozo Greyhounds Youth Athletic Club biex jagħmel attivita sportiva għat-tfal f'Ottubru jew Novembru. Il-Kunsill għad irrid jiltaqa ma dawn biex jara dan x'jinvolvi. Ines Buttigieg issuġġeriet li ssir night hike organizzata mill-Iskola Primarja. Is-segretarja għandha tagħmel kuntatt mal-assistant head dwar dan.

6. **Milied 2012.** Is-Sotto Kumitat qabel li l-Christmas Market mhux qed ikollu konkurrenza tajba u lanqas qed insibu parteċipanti (tal-istands). Din is-sena s'issa laqas ħarġet l-iskema tal-attivitajiet min fejn il-Kunsill kien qed jieħu fondi għal din l-attivita. Għalhekk ġie deċiz li minflokk il-Christmas Market issiru sensiela ta' attivitajiet differenti fil-Milied. Is-Sindku qal li jista jsir dekorazzjoni tat-toroq aħjar. Kenneth Portelli f'isem il-Kummissjoni Zgħazagħ qal li l-Kummissjoni għandu ħsieb li jagħmel presepju ħaj fl-għalqa fejn ser jinbenna l-MUSEUM ġdid tal-bniet. Hu qal li dan mhux ser ikun bhal ta' Ghajnsielem. Qabel ma jsir pjan konkret dwar dan għad irrid ikollhom permess biex juzaw din il-propjeta. Attivita oħra li ġiet diskussa għall-Milied hu li jkun hemm monti fil-Pjazza l-ġurnata kollha. Jieħdu sehem il-bejjiegħa tal-monti. Dawn jiġu mitluba beix ikollhom affarijiet tal-Milied.

7. **Festa tac-Citru.** Is-Sindku ssuġġerixxa li jkun hemm fiera tac-Citru peress li n-Nadur huwa magħruf għall-frott taċ-Citru li jikber fil-lokalita tiegħu. F'din il-fiera jkun hemm stands b'varjeta ta' prodotti tac-citru kif ukoll riċetti fejn jintuza ċ-citru, siġar u pjanti għall-bejgh eċċ. Din il-fiera jekk issir għandha issir f'Diċembru peress li l-Karnival ser jiġi kmieni wara l-Milied.

Il-laqgħa spiċċat fid-9:15 p.m.

**Charles Said, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**